**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Roderick Agius**

**Vs**

**Darren Brincat**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra:

**Darren Brincat** iben Rosario u Emanuela nee' Mercieca, imwieled Pieta fil-5 ta' Novembru 1979, residenti Dar, Mark, Triq ix-Xitwa, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 521079M;

Akkuzat talli fl-20 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-19:15hrs u fil-hin ta' qabel gewwa Haz-Zebbug u f'dawn il-Gzejjer flimkien ma persuna ohra:

1) Ikkommetta serq ta' diversi batteriji, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.27) u bil-mezz ghad-detriment ta' George Falzon, Joseph Falzon u/jew persuni ohra w/jew entitajiet ohra;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi irrendew ruhhom recidivi ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

**Darren Brincat** wahdu:

3) Huwa akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn mija w sittax-il euro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' George Falzon/ Natasha Fenech u/jew persuni ohra;

4) Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' George Falzon f'periklu car ikkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Falzon;

5) Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi u aktar talli kkommetta reat waqt li hu taht l-ordni ta' probation ghal sentenza, liema sentenza nghata mill-Qorti tal-Magistrati presenduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli nhar id-19 ta' Novembru 2015, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017, l-imputat Darren Brincat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skond il-ligi sabiex hu jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li dik l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A kif emendat, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza bl-istess ammissjoni tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fih ghal dawn ir-reati, u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. L-incident mertu ta' din il-kawza kien, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat inqabad fil-fatt jisraq batteriji qodma minn ghalqa f'Hal Qormi, proprjeta' ta' Falzon. Waqt li kien qed jisraq huwa gie konfrontat minn wiehed mis-sidien, George Falzon, u spicca biex aggredih u kkagunalu feriti hfief fuqu, kif ukoll saq ghal fuq il-vettura ta' Falzon u ghamel hsara fuqha. Dawn il-fatti juru bic-car li l-imputat ftit jimpurtah minn hwejjeg haddiehor jew mir-rispett lejn il-proprjeta' ta' haddiehor, u dan zgur hu frott tad-dipendenza fuq id-droga, haga li hi evidenti ferm fih. Ghalhekk il-Qorti tikkunsidra li piena ta' habs effettiv f'dan il-kaz hija inevitabbli.

Rigward il-ksur ta' ordni ta' probation, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu provvediment fil-konfront tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 49, 50, 289, 325 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 7 u 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni, il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati, u ghalhekk qed tikkundannah ghal tlitt (3) snin prigunerija.

Tastjeni milli tipprovdi dwar il-ksur ta' ordni ta' probation moghtija fid-19 ta' Novembru 2015.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**